# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta’ Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 20**

**Rik. Nru. 15/14JRM**

**MOBILJA GAUCI LIMITED (C - 3155)**

vs

**AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED (C - 46054)**, Korporazzjoni Enemalta illum Enemalta p.l.c. u Greentech Solutions Limited (C – 47802)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-9 ta’ Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) issib ma jiswiex u bla effett fil-liġi l-ftehim ta’ novazzjoni ta’ debitu tal-5 ta’ Diċembru, 2012, li permezz tiegħu l-kumpannija mħarrka Greentech Solutions Limited ġiet sostitwita minflok dik attriċi bħala d-debitriċi tal-kumpannija

Automated Revenue Management Services Limited fl-ammont ta' tliet mija, wieħed u sittin elf, erba' mija u tlieta u disgħin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€361,439.46), billi l-kumpannija attriċi ma kienet qatt debitriċi tal-kumpannija Automated Revenue Management Services Limited u billi l-istess ftehim sar b'mod abbużiv u b'mala fidi, u konsegwentament tordna r-rexxisjoni tal-istess ftehim; (ii) issib null u bla effett fil-liġi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-5 ta' Diċembru, 2012, ippubblikat fl-atti tan-Nutar John Gambin, fejn il-kumpannija mħarrka Greentech Solutions Limited ikkostitwiet ruħha debitriċi favur il-kumpannija Automated Revenue Management Services Limited fl-ammont ta' tliet mija u wieħed u sittin elf, erba' mija u disgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€361,439.46), billi din il-kostituzzjoni ta' debitu hi msejsa fuq il-ftehim ta' novazzjoni ta' debitu tal-5 ta' Diċembru, 2012 li ma jiswiex għaliex: (a) l-ammont hemm dikjarat bħala dovut lil Automated Revenue Management Services Limited inħalaq u kotor bi ksur tal-liġi u tal-*policies* li jirregolaw lill-istess Automated Revenue Management Services Limited u lill-Korporazzjoni Enemalta; (b) l-istess kuntratt sar b'mod abbużiv u b'mala fidi u sabiex iġib dannu lill-kumpannija attriċi; u (ċ) għal raġunijiet oħra msemmija fir-Rikors Maħluf, u għaldaqstant, din il-Qorti għandha tordna r-rexxissjoni tal-istess kuntratt, taħtar nutar biex jirċievi u jippubblika l-att meħtieġ u kuraturi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi; (iii) issib ma tiswiex u mingħajr effett il-garanzija potekarja dwar l-imsemmi ammont ta' tliet mija u wieħed u sittin elf, erba' mija disgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€361,439.46), kif ukoll l-iskrizzjoni fir-Reġistru Pubbliku relattiva għall-istess garanzija ipotekarja li għandha n-numru 001938, u konsegwentament tordna l-kanċellament tal-imsemmija ipoteka u l-iskrizzjoni tal-istess, dana billi l-ipoteka ma tirriżultax mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u f'kull każ hija nulla għar-raġunijiet spjegati u għaldaqstant ma setgħetx tiġi iskritta; (iv) issib ma tiswiex u bla effett l-ittra uffiċjali numru 55/12 tad-9 ta' Jannar, 2013, li permezz tagħha ġie reż eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu surriferit; (v) issib lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom responsabbli għad-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi b'riżultat tal-aġir abbużiv, kontra l-liġi u kontra l-*policies* tagħhom u l-arrangamenti kollha illi ntlaħqu bejniethom u li permezz tagħhom inkisru u preġudikati d-drittijiet tagħha; (vi) tillikwida d-danni mġarrba minnha, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' periti għal dan il-għan; u (vii) tikkundanna lill-imħarrkin sabiex flimkien u solidalment jew lil min minnhom, iħallsuha l-ammont hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Diċembru, 2013, flimkien mal-imgħax;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

[1] Paġġ. 23 – 4 tal-proċess

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka Automated Revenue Management Services Limited fit-18 ta' Frar, 2014, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament tgħid li l-okkju tal-kawża għandu jinbidel billi jirriżulta żball f'isimha kif muri fl-imsemmi att, kif ukoll li jeżistu r-rekwiżiti meħtieġa taħt l-artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi, bħala fatt, din il-kawża hija konnessa ma' proċeduri oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, rikors numru 839/2013JZM. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet it-talbiet attriċi bħala mhux fondati, u ċaħdet ukoll kull pretensjoni jew allegazzjoni marbuta ma' sejba ta' responsabbilità għad-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-Korporazzjoni Enemalta tal-20 ta' Frar, 2014, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi, b'mod preliminari, tgħid li mhix il-leġittima kontradittriċi billi ma laħqet ebda ftehim ta' novazzjoni ta' debitu mal-kumpannija attriċi u għaldaqstant l-ewwel erba' talbiet ma jolqtuhiex. Tgħid ukoll li fis-sena 2010, l-Automated Revenue Management Services Limited ħadet f'idejha l-amministrazzjoni u l-funzjonijiet tal-ħlas marbuta ma' servizzi ta' dawl. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-Korporazzjoni ma tidħolx fi kwistjonijiet ċivili bejn partijiet marbuta ma' kiri u okkupazzjoni ta' fond, u dan hija għarrfitu lill-kumpannija attriċi permezz ta' korrispondenza fis-sena 2011. Żiedet tgħid li hija tat provvista ta' elettriku fil-fond skond l-istruzzjonijiet li rċeviet mingħand l-Automated Revenue Management Services Limited nnifisha. Fi proċeduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Rik. Nru. 1881/12SM), il-Korporazzjoni mħarrka stqarret illi kemm-il darba l-kumpannija attriċi kienet ser topera u kellha l-ħtieġa ta' servizz ta' kurrent elettriku, hija kienet ser tingħata dan is-servizz fuq kont ġdid u separat mill-kumpannija mħarrka. Ittemm billi tiċħad kull pretensjoni mressqa mill-kumpannija attriċi marbuta ma responsabbiliàa għal danni mġarrba minnha;

Rat id-digriet tal-25 ta' Marzu, 2014[2], li bih il-Qorti ordnat tiswija fl-"okkju" tal-kawża biex l-isem tal-kumpannija mħarrka Automated Revenue Management Services Limited ikun kif għandu jkun, filwaqt li l-istess kumpannija mħarrka rtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2014[3], li bih il-kumpannija mħarrka Greentech Solutions Limited ġiet dikjarata notifikata u, ladarba naqset li ddaħħal Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, tinstab kontumaċi;

Rat il-verbal tat-2 ta' Ottubru, 2014[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

---

[2] Paġ. 71 tal-proċess
[3] Pap. 87 tal-proċess
[4] Paġ. 88 tal-proċess

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda l-provi dokumentali;

Rat il-verbal tal-20 ta' Settembru, 2017[5], fejn il-partijiet qablu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li ser iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-20 ta' Novembru, 2017[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka Automated Revenue Management Services Limited fid-19 ta' Jannar, 2018[7], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Korporazzjoni mħarrka fit-28 ta' Jannar, 2018[8] bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar, 2018[9], li bih awtorizzat il-bidla fl-isem minn 'Korporazzjoni Enemalta' għal 'Enemalta plc';

Rat id-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat***

Illi din hija l-azzjoni pawljana jew revokatorja flimkien ma' kawża għad-danni. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Mobilja") għandha kreditu kontra l-kumpannija mħarrka Greentech Solutions Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Greentech") dwar liema kreditu kienet fetħet kawza kontra dik il-kumpannija[10]. Mobilja fetħet din il-kawża biex tħassar u tirrevoka ftehim milħuq bejn il-kumpanniji mħarrkin Greentech u Automated Revenue Management Services Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "ARMS") għaliex, fil-fehma tagħha, dak il-ftehim intlaħaq b'mod abbużiv u b'*mala fede*. Tgħid li l-ftehim milħuq qed jippreġudika l-jeddijiet tagħha ta' kreditriċi ta' Greentech

[5] Paġ. 891 tal-proċess
[6] Paġġ. 893 – 918 tal-proċess
[7] Paġġ. 922 – 938 tal-proċess
[8] Paġġ. 939 – 949 tal-proċess
[9] Paġ. 954 tal-proċess
[10] Rik. Nru. 319/2012AF

għall-kreditu dovut lilha. Għaldaqstant, tfittex ukoll kumpens għad-danni mġarrba;

Illi l-kumpanniji mħarrka laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, li fil-qofol, jixbhu 'l ta' xulxin, billi jikkontestaw ix-xiljiet imressqa kontrihom minn Mobilja. Il-Korporazzjoni mħarrka Enemalta (minn issa 'l hemm imsejħa "Enemalta") tressaq ukoll l-eċċezzjoni li hija m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonjiet attriċi billi hija ma kinitx imdaħħla fil-ftehim milħuq bejn Greentech u ARMS, u għaldaqstant ma hemm ebda rabta ġuridka mal-kumpannija attriċi jew mal-ilmenti tagħha dwar l-imsemmi ftehim;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li Mobilja kienet tokkupa b'titolu ta' kera mingħand Malta Industrial Parks (qabilha il-Malta Development Corporation) il-fabrika KW10, fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, sabiex taħdem xogħol tal-injam minn ġo fiha[11]. Mobilja daħlet fi ftehim ma' Greentech biex toħroġ minn ġol-fond u Greentech tidħol minflokha. Hija ġiet imwegħda rigal fl-ammont ta' mija u għaxar elf liri Maltin (Lm110,000), ekwivalenti għal mitejn sitta u ħamsin elf, mitejn wieħed u tletin ewro (€256,231). Il-ħlas kellu jgħaddi għand Mobilja qabel ma Greentech tidħol fil-fabrika. Jirriżulta iżda li Greentech, bil-kunsens ta' Mobilja, daħlet fil-fond biex tagħmel xi xogħol ta' tħejjija biex tkun tista' taħdem[12]. Filwaqt li MIP kienu mgħarrfa bl-arranġamenti li kienu għaddejjin bejn Mobilja u Greentech[13], l-Enemalta jew l-ARMS (li magħhom Mobilja kellha fuq isimha l-kont tal-provvista ta' dawl u ilma tal-fabrika), tħallew barra[14];

Illi sad-19 ta' Novembru, 2011[15], Greentech kienet laħqet ħallset lil Mobilja mija u tmintax il-elf ewro (€118,000) akkont mis-somma sħiħa ta' rigal li kienu qablu dwarha. Madankollu, f'dik id-data, Greentech iffirmat dikjarazzjoni[16] biex tagħraf li kien għad fadlilha tħallas lil Mobilja mija u tmintax-il elf ewro (€118,000) ieħor u li kellha tagħmel dan sa mhux aktar tard minn erba' (4) ġimgħat, u ntrabtet li, mal-20 ta' Diċembru, 2011, tibda miexja penali ta' mitt ewro (€100) kuljum fuq il-bilanċ u sa ma jinqata' d-dejn tagħha kollu;

Illi Mobilja tixli lil Greentech li, minn wara daharha, ittantat tikseb fuq isimha meter tad-dawl aktar b'saħħtu fuq l-istess fond[17]. Fis-16 ta' Marzu, 2011[18], Mobilja wissiet lil Enemalta biex ma tagħtix il-provvista tad-dawl lil

---

[11] Ara l-Affidavit ta' Godfrey Gauci, f'paġ. 96 tal-proċess. Għalkemm Mobilja tgħid li kellha titolu ta' kera fuq il-fond, mid-dokumenti Dok. "RVR" u "RVR1" f'paġġ. 139-140 tal-proċess, jirriżulta li kienet tħallas 'kumpens għal okkupazzjoni'. Ara wkoll ix-xhieda ta' Dr Roberta Vella Rapa f'paġ. 124 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Emanuel Schembri f'paġ. 115 tal-proċess
[13] *Ibid* paġ. 112 tal-proċess. Ara wkoll paġġ. 432-434 tal-proċes
[14] Ara x-xhieda ta' Godfrey Gauci in kontro eżami f'paġ. 761 tal-proċess. Ara wkoll l-Affidavit ta' Wilfred Borġ u Stephen Caruana f'paġ. 305 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Emanuel Schembri f'paġ. 113 tal-proċess
[16] Dok. "A" f'paġ. 9 tal-proċess.
[17] Ara x-xhieda ta' Emanuel Schembri f'paġ. 116 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "RB4" u "GP" f'paġġ. 222 – 9 u 484 tal-proċess
[18] Dok. "B" f'paġ. 10 tal-proċess

Greentech jekk mhux bil-kunsens tagħha. L-applikazzjoni ta' Greentech daħlet għand Enemalta fis-7 ta' April, 2011[19]. Jirriżulta li l-arloġġ tad-dawl inbidel, u l-Enemalta xorta waħda tat servizz lil Greentech[20]. L-Enemalta tgħid li ladarba l-applikazzjoni kienet issemmi kont u dak il-kont kien magħruf min-naħa tagħha, kif ukoll ladarba sar il-ħlas marbut mal-applikazzjoni mill-persuna li ressqet l-applikazzjoni, ma tidħolx fi kwestjonijiet li seta' kien hemm bejn l-applikant u l-persuna lil min isejjaħ il-kont[21]. Fil-fatt, il-kont tal-konsum intbagħat lil Mobilja bħala l-persuna li kellha kont magħha[22];

Illi l-meter marbut mas-servizz ta' l-ilma inbidel fit-13 ta' Mejju, 2012[23];

Illi fit-8 ta' Novembru, 2012[24], Mobilja bagħtet tgħarraf lil ARMS u lil Enemalta permezz ta' ittra uffiċjali li ma kinetx responsabbli għall-ħlas tal-kont, magħduda l-arretrati li kienu jidhru f'isimha iżda li kienu l-frott tal-użu li Greentech kienet qiegħda tagħmel mill-fabbrika ċeduta lilha minn Mobilja. Fit-23 ta' Novembru, 2012[25], Mobilja talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra ARMS u Enemalta, biex ma jkomplux jipprovdu aktar servizz ta' elettriku lil Greentech dwar il-fabrika, u liema talba ntlaqgħet provviżorjament dakinhar u ngħata provvediment dwaru fl-10 ta' Diċembru;

Illi d-dejn marbut mal-konsum ta' elettriku li kien isejjaħ lil Mobilja ddawwar għal fuq Greentech permezz ta' kuntratt ta' novazzjoni ta' debitu li sar fil-5 ta' Diċembru, 2012[26]. Fl-istess jum, intlaħaq ftehim ieħor (fis-sura ta' kuntratt pubbliku wkoll pubblikat mill-istess nutar) bejn Greentech u ARMS, li bih tal-ewwel iddikjarat li kienet midjuna mat-tieni, u fejn ARMS hija dikjarata bħala kreditriċi ta' Greentech fl-ammont ta' €361,439.46c[27]. Dan il-kuntratt qatt ma ġie insinwat[28]. Dan l-aħħar kuntratt wassal biex ARMS ikollha preċedenza fuq Mobilja għall-flus ta' Greentech[29]. ARMS tgħid li Mobilja intalbet tidher fuq il-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu, iżda naqset li tattendi[30]. Tgħid ukoll li hija riedet tasal fi qbil ma' Greentech billi Greentech kienet f'dak iż-żmien l-okkupant tal-post fejn kien hemm il-kont u għaldaqstant kienet il-persuna li kienet qiegħda effettivament tikkonsma d-dawl u l-ilma[31];

---

[19] Ara x-xhieda ta' Reuben Bonniċi f'paġġ. 237 – 8 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Emanuel Schembri f'paġ. 116 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' l-Inġinier George Portelli f'paġġ. 496, 497, u 505 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Camilleri f'paġ. 518 tal-proċess
[22] Ara l-affidavit ta' Godfrey Gauci f'pap. 98 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda ta' Reuben Bonnici f'paġ. 239 tal-proċess, Dok. "RB5" f'paġġ. 231-232 tal-proċess
[24] Dok. "C" f'paġ. 11 tal-proċess
[25] Inib. 1767/12LFS Dok "O", f'paġġ. 375 sa 466 tal-proċess
[26] Dok. "D" f'paġġ. 12 – 4 tal-proċess.
[27] Dok. "JP" f'paġġ. 150 – 2 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda ta' Dr Miriam Rapa f'paġ. 734 tal-proċess
[29] Ara l-affidavit ta' Godfrey Gauci f'paġ. 99 tal-proċess
[30] Ara x-xhieda ta' Stephen Caruana f'paġġ. 317 – 8 tal-proċess
[31] *Ibid* paġ. 324 tal-proċess

Illi fil-11 ta' Diċembru, 2012, il-kont inqaleb minn fuq Mobilja għal fuq Greentech, minkejja li fl-applikazzjoni li Greentech daħħlet mal-ARMS, il-persuna li fuqha kien reġistrat il-fond (jiġifieri Mobilja) ma tatx il-kunsens tagħha. Dan it-trasferiment sar billi Greentech uriet li kienet lesta li terfa' r-responsabbilita' tal-ħlas tal-kont[32];

Illi fid-9 ta' Jannar, 2013[33], ARMS bagħtet ittra uffiċjali lil Greentech sabiex titlobha tħallas id-dejn dovut lilha, u kif ukoll biex tgħarrafha formalment li b'dak l-att ġudizzjarju kienet qiegħda tagħmel eżegwibbli l-kuntratt tal-5 ta' Diċembru, 2012. Fl-14 ta' Frar, 2013, ARMS ressqet ukoll Nota għall-Iskrizzjoni ta' Ipoteka fir-Reġistru Pubbliku biex iddaħħal ipoteka ġenerali fuq is-saħħa tal-kuntratt imsemmi[34];

Illi ARMS ressqet ukoll Mandat ta' Sekwestru kontra Greentech bin-numru 99/2013;

Illi, sadattant, Mobilja kienet ipproċediet bil-ħruġ ta' tliet Mandati kawtelatorji ta' Sekwestru kontra Greentech sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha[35]. Permezz ta' numru ta' ċedoli ta' depożitu, inqabdu flejjes li jappartjenu lil Greentech[36]. ARMS ittantat ikollha aċċess għal dawn il-fondi billi daħħlet rikors fl-atti ta' kull waħda miċ-ċedoli biex tiżbanka favuriha l-flus depożitati. Imma t-talbiet tagħha ma ntlaqgħux[37];

Illi permezz ta' Rikors Numru 839/2013JZM, imressaq fit-3 ta' Settembru, 2013, ARMS nediet proċeduri għall-Konkors ta' Kredituri ta' Greentech;

Illi jirriżulta li ARMS talbet lil Enemalta darbtejn biex tissospendi s-servizz lil Greentech, iżda l-Enemalta sabet diffikultà li tilqa' t-talba ta' ARMS billi dan kien ser iħalli effett fuq numru ta' fabbriki oħra li kienu mqabbda mal-istess *sub-station*. L-eżitu tal-Mandat ta' Inibizzjoni għen lil ARMS biex jaqtgħu l-provvista tad-dawl lil Greentech[38]. Eventwalment, il-provvista tad-dawl reġgħet ingħatat lil Greentech mill-ġdid[39]. Il-kont ġie għal darb'oħra maqtugħ minn ARMS fis-26 ta' Ġunju, 2013 minħabba nuqqas ta' ħlas. Il-kont għadu maqtugħ sal-ġurnata ta' llum[40];

---

[32] Ara x-xhieda ta' Reuben Bonniċi f'paġ. 170 u 236 tal-proċess. Ara wkoll "Dok. RB3" f'paġġ. 218 – 220 tal-proċess
[33] Dok. "F" f'paġ. 17 tal-proċess
[34] Dok. "G" f'paġ. 19 tal-proċess
[35] Dok. "EGF" f'paġ. 571 tal-proċess
[36] Ċedola Nru. 905/12, Ċedola Nru. 147/13, Ċedola Nru. 347/13
[37] Rikors fl-atti tac-Ċedola ta' Depożitu Nru 905/2012 f'paġ. 613 tal-proċess; Rikors fl-atti tac-Ċedola ta' Depożitu Nru. 147/13 f'paġ. 665 tal-proċess; Rikors fl-atti tac-Ċedola ta' Depożitu Nru. 347/13 f'paġ. 697 tal-proċess
[38] Ara x-xieda ta' Stephen Caruana f'paġġ. 320 u 336 tal-proċess. Ara wkoll Paġġ. 366 – 373 u 381 tal-proċess
[39] *Ibid* paġ. 341 tal-proċess
[40] Ara x-xhieda ta' Reuben Bonniċi f'paġġ. 292-293 tal-proċess

Illi fit-2 ta' Diċembru, 2013[41], Mobilja bagħtet ittra uffiċjali lil ARMS u Enemalta fejn talbithom iħassru l-kuntratt tal-5 ta' Diċembru, 2012. B'ittra uffiċjali tagħha tal-20 ta' Diċembru, 2013[42], ARMS warrbet it-talbiet ta' Mobilja u, b'mod partikolari iġġustifikat dak il-ftehim. Iż-żewġ raġunijiet mogħtija minn ARMS kienu: "*il-mittenti* (jiġifieri ARMS) *daħlu fil-kuntratt ta' novazzjoni u l-kostituzzjoni ta' debitu ma' Greentech Aolutions Limited (il-"Ftehim") wara li intom* (jiġifieri Mobilja) *kontu qed tirrifjutaw li tħall l-arretrati fuq il-kont tad-dawl u l-ilma li kien isejjaħ proprju lilkom u fejn il-konsum kien qed isir minn Greentech.. ..*" u "*il-Ftehim sar proprju wara li intom intavolajtu serje ta' mandati ta' inibizzjoni (liema mandati ġew kollha rtirati minnkom) kontra l-mittenti u wara li f'dawk il-proċeduri l-partijiet kienu taw kelma quddiem din l-Onorabbli Qorti, li kienu ser jittransiġu l-kwistjoni.*";

Illi fid-9 ta' Jannar, 2014, il-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin ma' din l-azzjoni, jirrigwardaw in-natura tal-azzjoni mnedija minn Mobilja li, kif tgħid hija stess, hija l-azzjoni revokatorja;

Illi għandu jingħad li l-azzjoni Pawljana hija waħda ta' natura personali[43], miftuħa għal kull min għandu pretensjoni ta' kreditu biex jitlob it-twettiq ta' obbligazzjoni mingħand id-debitur tiegħu u li jrid iwaqqa' att jew fatt li dak id-debitur ikun wettaq ma' terzi, li bih dak il-kreditu jiġi preġudikat[44]. Mobilja qed tittanta twaqqa' kemm il-ftehim ta' novazzjoni bejn Greentech u ARMS, kif ukoll il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn l-istess żewġ partijiet;

Illi l-elementi ewlenin tal-azzjoni huma: (a) l-eżistenza tal-kreditu; (b) l-għemil dannuż tad-debitur (*eventus damni*); u (ċ) il-ħsieb tad-debitur li, b'dak l-għemil, il-kreditu jista' jiġi mġarrab (*consilium fraudis*);

Illi għar-rigward tal-element tal-"kreditu", il-kreditu li huwa biżżejjed biex isejjes l-azzjoni attriċi m'għandux għalfejn ikun dejn kanoniżżat, anzi lanqas biss għandu għalfejn ikun dejn pekunjarju. Għaliex ikun biżżejjed jekk id-dejn jikkonsisti fi pretensjoni ta' adempiment ta' obbligazzjoni li, bl-għemil tad-debitur ta' dik l-obbligazzjoni, tista' u x'aktarx tiġi preġudikata[45]. Kemm hu hekk, tqies li jkun hemm kreditu ukoll f'każ fejn l-għemil impunjat kien jippreġudika likwidazzjoni futura ta' ġid miżmum in komun[46];

---

[41] Dok. "H" f'paġ. 20 tal-proċess
[42] Dok "ARMS F", f'paġ. 59 tal-proċess
[43] P.A. **27.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino vs Vella et*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.748**)
[44] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs. Grima et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.24**)
[45] P.A. **20.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Debattista vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1054**)
[46] App. Ċiv. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Brigitte Vella vs Richard Vella et***

Illi fil-każ tal-lum, intwera fi grad tajjeb biżżejjed li l-attriċi għandha pretensjoni sostanzjata tal-kreditu tagħha fil-konfront ta' Greentech. Fiż-żmien li Mobilja fetħet din il-kawża, dik il-pretensjoni kienet ukoll dedotta fis-sura ta' kawża[47];

Illi għaldaqstant, meħud kont ta' dak li ntqal aktar qabel, il-Qorti ssib li dan l-ewwel element tal-azzjoni attriċi jinsab ippruvat kif imiss;

Illi għar-rigward tal-element tal-"*eventus damni*", ARMS issejjes id-difiża tagħha fuq il-fatt li mill-atti ma jirriżultax li Greentech inġabet insolvibbli minħabba l-atti nutarili li għamlet magħha. Enemalta tisħaq li kienu l-istess mandati kawtelatorji li talbet u ħarġet Mobilja li, fil-fatt, waqqfu ħesrem l-operat ta' Greentech. Tgħid ukoll li ma sar ebda analiżi tal-oġġetti maqbuda u tal-flejjes sekwestrati minn Mobilja;

Illi, min-naħa l-oħra, u b'referenza għall-ġurisprudenza lokali[48], Mobilja tgħid li din l-azzjoni tapplika fejn id-debitur jagħmel att li bih inaqqas il-patrimonju li jkollu jew itaqqlu permezz ta' piżijiet. F'dan ir-rigward, huwa mfisser li l-ġrajja dannuża sseħħ meta, "*come conseguenza dell'atto di disposizione compiuto, il patrimonio del debitore divenga insufficiente a soddisfare tutti i creditori, ovvero, venga ad essere composto in modo tale da rendere piu' difficile il soddisfacimento coattivo del credito*"[49]. Id-diversi sentenzi msemmijin mill-partijiet fin-Noti ta' Osservazzjonijiet studjati rispettivi tagħhom turi wkoll li l-Qrati tagħna jfissru dan l-element kostitutiv fl-istess dawl;

Illi ngħad ukoll li l-fatt li ma ntwera ebda ġid ieħor tad-debitur, magħqud mal-fatt li l-ġid li minnhom iddispona d-debitur bil-kuntratt impunjat setgħu servew biex minnhom jitħallas id-dejn, jew għall-inqas parti minnu, huwa prova biżżejjed tal-*eventus damni*[50];

Illi, fil-qafas tal-azzjoni Pawljana, Greentech kellha l-għażla li tressaq 'il quddiem il-possibiltà tal-eskussjoni tal-ġid tagħha bħala garanzija alternativa għall-pretensjonijiet ta' Mobilja. Dan m'għamlitux għaliex baqgħet kontumaċi. Minbarra dan, mill-provi jirriżulta li l-proprjetà li seta' għandha Greentech hija soġġetta għal ipoteka ġenerali u speċjali favur bank kummerċjali[51];

Illi, għalhekk, dan it-tieni element tal-ħsara mġarrba jinsab ippruvat ukoll kif imiss;

---

[47] Rik. 319/2012 AF (maqtugħa fit-13.3.2019)

[48] App. Ċiv. **25.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet <u>Lawrence Cuschieri et vs. Joseph Azzopardi et</u>

[49] A. Torrente <u>*Manuale di Diritto Privato*</u> (9th Ediz) para 279.paġ. 455

[50] App Ċiv. **2.3.2018**, fil-kawża fl-ismijiet ***Louise armla ta' Saviour Camilleri et vs. Michele Camilleri et***

[51] Dok "PR" f'paġġ. 537 – 548 tal-proċess

Illi għar-rigward tal-element tal-qerq, huwa miżmum li dan l-element iseħħ hekk kif id-debitur jagħmel minn rajh att li bih ikun jaf li qegħda tiżdied l-insolvenza jew titnaqqas il-garanzija tal-ħlas tal-krediti dovuti minnu. M'hemmx għalfejn li l-*consilium fraudis* jikkostitwixxi r-rieda li jagħmel ħsara (l-*animus nocendi*) lill-kreditur. Din il-fehma tinstilet minn kull għemil li jsir mid-debitur meta jaf li huwa m'huwiex diġà f'qagħda li jħallas il-kreditu jew krediti tiegħu, u jagħmel dak l-att b'rieda[52]. Minn dak li jirriżulta lill-Qorti mill-atti ta' din il-kawża, ma jitħalla l-ebda dubju li dak li sar minn Greentech kien tassew qiegħed isir b'rieda tagħha, bi pjan maħsub sabiex tinqata' minn ma' Mobilja u l-kont mal-ARMS idur fuq isimha. Min-naħa l-oħra, kif tispjega ARMS fix-xhieda tagħha, hija riedet tasal fi qbil ma' Greentech billi din kienet l-okkupant effettiv tal-post fejn kien reġistrat is-servizz u l-persuna li kienet qiegħda tinqeda b'dak is-servizz u tikkonsma d-dawl u l-ilma. F'kelma waħda, ARMS kellha interess li tiġbor flusha mingħand min kien qed jikkonsma s-servizz. Minbarra dan, ir-raġunijiet li ARMS tat lil Mobilja fl-ittra uffiċjali li bagħtitilha f'Diċembru tal-2012, huma mfissra daqshekk ċari li ma jħallu l-ebda dubju x'kienu l-għanijiet ta' ARMS u kif il-ftehim tal-5 ta' Diċembru, 2012, kienu l-milja ta' dik l-istrateġija tagħha. Dan l-għemil effettivament dgħajjef il-garanzija li seta' kien hemm b'ġid Greentech għall-benefiċċju tal-pretensjonijiet tal-kredituri tagħha, fosthom il-kumpannija attriċi;

Illi fil-każ preżenti, l-għemil li Mobilja trid twaqqa' huwa l-kostituzzjoni ta' debitu, meqjus bħala kuntratt gratuwit. Għaldaqstant, il-liġi[53] f'każ bħal dan ma teħtieġx li l-atturi jippruvaw ukoll il-qerq min-naħa tat-terza, f'dan il-kaz ta' ARMS;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjionijiet, il-Qorti ssib li dan it-tielet element tal-azzjoni tagħha jinsab ukoll ippruvat kif imiss;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li t-**tieni talba attriċi** hija mistħoqqa u għandha tintlaqa';

Illi għar-rigward tal-**ewwel talba attriċi**, marbuta mal-ftehim ta' novazzjoni ta' debitu, Mobilja tisħaq li hi qatt ma kienet debitriċi ta' ARMS, u għaldaqstant kuntratt bħal dak ma setax isir. Min-naħa l-oħra, Greentech iddaħħlet minflok Mobilja bħala d-debitriċi ta' ARMS mingħajr ma Mobilja dehret fuq il-ftehim;

Illi mill-fatti jirriżulta li għalkemm Mobilja daħlet fi ftehim ma' Greentech biex toħroġ mill-fond u Greentech tidhol minflokha, naqset li tgħarraf

[52] P.A. TM **13.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Moira Zammit Tabona vs. Silmar Limited et***
[53] Art. 1144 tal-Kap. 16

b'dan lil ARMS fi stadju bikri. Kien biss fis-16 ta' Marzu, 2011, li Mobilja wissiet lil Enemalta biex ma tagħtix provvista tad-dawl lil Greentech jekk mhux bil-kunsens tagħha. Min-naħa l-oħra, Enemalta jidher li xorta waħda ipproċessat applikazzjoni ta' Greentech meta l-istess applikazzjoni kellha tagħrif nieqes dwar il-persuna li fuqha kien isejjaħ il-kont, jiġifieri Mobilja. Imma dak l-ipproċessar jidher li sar qabel ma Mobilja kienet ikkomunikat ma' Enemalta. Dan wassal biex filwaqt li l-applikazzjoni ta' Greentech għaż-żieda fis-saħħa tad-dawl intlaqgħet u Greentech kisbet tisħiħ tal-provvista elettrika għall-post biex setgħet taħdem aħjar minn dik il-fabbrika, il-konsum tad-dawl beda jidher fuq Mobilja ladarba l-kont kien isejjaħ lilha. Enemalta tgħid li hija ma tidħolx fi kwestjonijiet ċivili bejn partijiet, filwaqt li ARMS tgħid li l-mansjoni tagħha hija li tiġbor il-ħlasijiet;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-kont, f'termini ta' konsum, li kien qed jitla' kontinwament aktar ma għadda ż-żmien fuq isem Mobilja jidher biċ-ċar li ma kienx ta' Mobilja. Fin-nuqqas ta' obbligazzjoni ta' ħlas min-naħa ta' Mobilja favur ARMS, il-ftehim ta' novazzjoni bejn ARMS u Greentech huwa null għaliex wieħed mill-elementi ta' novazzjoni, jiġifieri d-debitu l-qadim[54], huwa fil-fatt nieqes;

Illi, minbarra dan, l-argument ta' ARMS li kienet għażla ta' Mobilja li ma tidhirx fuq il-ftehim ta' novazzjoni ukoll ma jreġix għaliex biex ikun hemm novazzjoni bis-sostituzzjoni ta' debitur ġdid, kemm-il darba l-elementi kollha kienu preżenti, il-ftehim xorta jista' jsir mingħajr il-kunsens ta' l-ewwel debitur[55];

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-**ewwel talba attriċi** hija tajba u għandha tintlaqa' wkoll;

Illi jmiss li l-Qorti tqis it-**tielet u r-raba' talbiet** attriċi, it-tnejn li huma marbutin man-nuqqas ta' siwi tal-Ipoteka Ġenerali u tal-ittra uffiċjali li nħarġet bil-għan li teżegwixxi l-kuntratt;

Illi l-ipoteka ġenerali mertu ta' din it-talba ssejjaħ bħala debitur lil Greentech u bħala kreditur tagħha lil ARMS għall-ammont ta' tliet mija u wieħed u sittin elf, erba' mija u disgħa u tletin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€361,439.46) li tirrappreżenta ammont kanoniżżat permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-5 ta' Diċembru, 2012, u li ġie reż eżekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Jannar, 2013[56];

[54] Art. 1179(2) Kap. 16
[55] Art. 1180(2) Kap. 16
[56] Dok. "G" u Dok. "H" f'paġġ. 19 - 20 tal-proċess

Illi Mobilja tgħid li din l-Ipoteka ma tiswiex. Fil-fatt, la tirriżulta mill-kuntratt tal-5 ta' Diċembru, 2012, u lanqas minn xi att pubbliku ieħor[57]. Kemm hu hekk, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu quddiem in-Nutar Gambin – li baqa' ma kien qatt insinwat – huwa biss kitba. Għaldaqstant l-ipoteka ma tistax tissejjaħ konvenzjonali. Lanqas hija ġudizzjali billi ARMS m'għandha ebda sentenza favuriha kontra Greentech, u wisq anqas hija ipoteka legali. Dan kollu jfisser illi ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija taħt l-artikolu 2012(2) tal-Kodiċi Ċivili ma jissussistu. Isegwi wkoll li l-iskrizzjoni ta' tali garanzija fir-Reġistru Pubbliku ma għandha ebda effett;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li t-**tielet talba** attriċi hija tajba u għandha tintlaqa'. Ir-**raba' talba** attriċi hija konsegwenzjali għat-tielet talba, u għaldaqstant ukoll sejra tintlaqa';

Illi jifdal li l-Qorti tqis it-talbiet imressqa minn Mobilja għar-riżarċiment tad-danni. L-għaref difensur ta' Mobilja jiċċara l-pożizzjoni ta' Mobilja f'dawn it-talbiet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[58] meta jgħid li t-talbiet għad-danni għandhom jiġu kkunsidrati fil-każ biss illi ma kellhomx jintlaqgħu t-talbiet tagħha għat-tħassir tal-kuntratti tal-5 ta' Diċembru, 2012u, bil-konsegwenza li Mobilja mbagħad ma jkollha ebda assi fuq xiex iddur biex titħallas;

Illi għalhekk, ladarba l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu, ma hux il-każ li l-Qorti tqis il-bqija tat-talbiet attriċi li jirrigwardaw id-danni;

Illi, fl-aħħarnett, jifdal li l-Qorti tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' Enemalta. Biha hija tgħid li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet, u għalhekk tgħid li jmissha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi Mobilja ma tressaq l-ebda kumment dwar din l-eċċezzjoni fis-sottomissjonijiet tagħha;

Illi l-Qorti tqis li huwa minnu li Enemalta ma dehritx fuq l-ebda wieħed mill-atti nutarili li jissemmew fl-ewwel żewġ talbiet. Lanqas ma jidhrilha li l-fatt li aċċettat li tilqa' l-applikazzjoni għas-servizz isaħħaħ tad-dawl fil-fabbrika bħala xi għemil li jikkostitwixxi mġiba li taqa' taħt il-mira tal-azzjoni li Mobilja nediet f'din il-kawża. Minbarra dan, ħadd mill-partijiet ma ressaq prova li l-korporazzjoni kienet imdaħħla f'xi għemil li wassal għall-pubblikazzjoni tal-imsemmija atti. B'żieda ma' dan, issa li l-Qorti m'hijiex sejra tqis il-ħames, is-

[57] Art. 2025 tal-Kap. 16
[58] Paġ. 915 tal-proċess

sitt u s-seba' talbiet attriċi, aktar u aktar joħroġ li Enemalta ma kellhiex postha f'din il-kawża;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Korporazzjoni Enemalta p.l.c. u qiegħda teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż għall-kumpannija attriċi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrkin** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kuntratt ta' novazzjoni ta' debitu tal-5 ta' Diċembru, 2012, fl-atti tan-Nutar John Gambin bejn il-kumpannija mħarrka Automated Revenue Services Limited u l-kumpannija l-oħra mħarrka Greentech Solutions Limited ma jiswiex għaliex sar b'mod abbużiv u b'mala fidi u għalhekk qiegħda tordna t-tħasssir (rexxissjoni) tiegħu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-5 ta' Diċembru, 2012, fl-atti tan-Nutar John Gambin bejn il-kumpannija mħarrka Automated Revenue Services Limited u l-kumpannija l-oħra mħarrka Greentech Solutions Limited safejn dik il-kostituzzjoni ta' debitu saret fuq is-saħħa tal-ftehim ta' novazzjoni msemmi fit-talba ta' qabel, u għalhekk qiegħda tordna t-tħassir (rexxissjoni) tiegħu;

Għall-għanijiet tal-istess talba, qiegħda taħtar bħala nutar pubbliku biex jippubblika l-imsemmija atti ta' rexxissjoni lin-Nutar Daniel Vella u lill-avukat Christopher Chircop bħala kuratur biex jidher għal dawk li jonqsu li jersqu fuq l-istess atti;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u ssib li hija nulla u bla effett il-garanzija ipotekarja numru 1938 tal-2013 kif ukoll l-iskrizzjoni relattiva għaliha fir-Reġistru Pubbliku, u tordna t-tħassir tagħha;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u ssib ma tiswiex l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Jannar, 2013 (55/12) mressqa biex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu msemmi fit-tieni talba;

**Tastjeni milli tqis il-ħames, sitt u s-seba' talbiet attriċi**; billi dawn kienu mressqa *in subsidium* għall-eżitu tal-ewwel tliet talbiet; u

**Tikkundanna** lill-kumpanniji mħarrka Automated Revenue Management Services Limited u Greentech Solutions iħallsu solidalment bejniethom, **l-ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk tal-imħarrka Enemalta p.l.c. li għandha terfagħhom il-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**